**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 47**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar**
**Il-Ħamis, 19 ta' Lulju 2018 fil-5.20 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** — Data u ħin

** **PREŻENTI:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

**47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Ittri ta' apoloġija

Inqrat l-*e-mail* tas-Sinjuri Marthese Cortis biex tkun skużata. Din kienet imressqa mil-Viċi Ċerpersin u ssekondata minn George Attard u kien hemm qbil unanimu biex tkun skużata.

**47.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduti numri 43, 44, 45 u 46.** — Approvazzjoni ta' Minuti

Dawn kienu mressqa għall-vot mill-Viċi Ċerpersin u ssekondati mis-Sur Anġelo

Portelli. Il-minuti tal-erba' seduti kienu approvati unanimament.

**47.3 Komunikazzjoni mill-Viċi Ċerpersin** Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin

Ma kienx hemm komunizzjoni mill-Viċi Ċerpersin x'tiġi diskussa.

**47.4 Mistoqsijiet mill-Membri** MIstoqsijiet

Kien hemm mistoqsija dwar jekk kienetx ħarġet l-offerta tal-latrina pubblika. Is-SE qal illi jaf li ħarġet u din infetħet. Hu qal li din mhix se tkun bl-orħos offerta filwaqt li l-membri kienu diżappuntati għax ma kienux jafu li ħarġet l-offerta.

Kien hemm suġġeriment illi l-bankina fi Triq il-Lewż issir mill-ġdid għax intrefgħet bl-għeruq tal-bużbież.

Il-membri talbu li jsiru jafu min għamel is-*sleeping policemen* fit-tela' tal-Knisja l-Kbira u x'ġara minn erba' talbiet oħra li kienu saru fil-passat. Kien hemm proposta li ssir *sleeping policeman* quddiem l-iskola.

Kien diskuss it-tpoġġija ta' marki tat-traffiku li juru l-parkeġġ regolat ta' vetturi fil-pjazza ewlenija.

Wara li saret triq bit-tarmac ġdida, il-membri qablu illi 'l isfel mill-iskola għandha ssir sleeping policeman.

Anġlu Portelli faħħar ix-xogħol ta' kostruzzjoni fil-bandli li qed isir mill-Gvern Ċentrali.

Intalbu tabelli li juru l-latrina pubblika fil-Baħrija għaliex dawn ma jeżistux.

Intalbet ukoll informazzjoni dwar l-iskema tal-*one-ways* li kienu mitlubin fi Triq il-Lewż u Triq il-Knisja. Se nivverifikaw dwar dan ma' Transport Malta.

Il-membri urew it-tħassib tagħhom għall-*hoarding wall* li ttella' fi Triq is-Sajf ta' San Martin biswit każin tal-politika fejn il-bankina mhux se tkun qed tiflaħ għat-toqol tal-bini u se tinqaleb għal isfel.

Issemmiet il-blokka bini viċin il-Knisja l-Kbira fejn il-kuntrattur jidher li hu marbut biex jagħmel ġnien, minkejja li ntqal illi din il-blokka għada lura biex titlesta.

**47.5 Korrispondenza** Korrispondenza

Kienet ipprovduta korrispondenza permezz ta' *e-mail* datata 16 ta' Ġunju 2018 li bagħat kunsillier dwar il-proposta ta' lqugħ fi Trejqet in-Nigra. Il-membri qalu illi hemmhekk hemm problema minħabba parkeġġ li minħabba fih bilfors ikollok taqla' 'l barra. Huma ppoponew li jitla' ċint tas-sejjiegħ bħalma jidher ieħor simili fir-ritratt aktar 'l isfel.

**47.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** Aġġornament

Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar id-9 t'Awwissu 2018.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.15pm.

Minuti approvati llum ............ .......... ta'.................... ..... 2018

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Paul Galea | Anthony Bonello |
| Ċerpersin | Segretarju Eżekuttiv |